DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 142461** **24.10. 2014**

**ILLUM JINGĦATA BIDU GĦALL-KONSULTAZZJONI ONLINE DWAR L-ABBOZZ TA' LIĠI DWAR AZZJONI FAVUR IL-KLIMA**

Il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima qed iniedi konsultazzjoni pubblika dwar l-Abbozz ta' Liġi dwar Azzjoni favur il-Klima.

L-abbozz qed jiġi propost għaliex it-tibdil fil-klima qed iħasseb dejjem iżjed lill-bniedem u biex jingħata għarfien lis-sehem li qed tagħti Malta fl-isforzi globali biex tiġi indirizzata dil-problema.

L-għan tal-abbozz huwa li jipprovdi azzjoni biex jitnaqqsu l-effetti tat-tibdil fil-klima billi jitrażżnu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li huma kawżati mill-ħidma tal-bniedem. Skop ieħor huwa li jipproteġi u jtejjeb il-mod kif il-gassijiet serra jiġu assorbiti mill-ambjent naturali u b'hekk jitnaqqas l-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima.

Kull min jixtieq jara l-Abbozz ta' Liġi jistgħu jagħmlu dan billi jidħlu fil-website tal-Ministeru – **www.environment.gov.mt** .

Individwi u organizzazzjonijiet huma mistiedna jibagħtu s-sottomissjonijiet tagħhom lil **climateactionbill.msdec@gov.mt** mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 14 ta' Novembru 2014**.

**Attachments: None** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt